



RAPPORT TA' SINTEŻI

LAQGHJA KONĠUNTA TAL-PJATTAFORMA TAL-UE DWAR IT-TELF U L-HELA TAL- IKEL

U TAL-PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

DĠ SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI (SANTE)

Ibrida

7 ta' Novembru 2023

President (1): Is-Sur Klaus Berend, DĠ SANTE

Il-Kummissjoni Ewropea u l-korpi tal-UE (9): DĠ SANTE, ENV, AGRI, RTD, JRC, ESTAT, EEA (Aġenzija Ewropea għall-Ambjent), EASME (Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji), KESE (Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew), KtR (Kumitat Ewropew tar-Regġuni)

L-Istati Membri rrapprezentati (23): AT, BE, BG, CZ, DK, EL, EE, FI, FR, DE, HU, IE, IT, LT, LU, NL, PL, PT, RO, SE, SK, SI, ES

Organizzazzjonijiet tas-settur privat (39): il-BEUC (Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumaturi), il-BOROUME, il-COPA COGECA (COPA COGECA - Il-Vuċi Ewropea tal-Bdiewa u l-Kooperattivi Agrikoli), is-CTC (Ċentru tat-Teknoloġija Nadifa ((Università Teknoloġika ta' Munster)), il-Conorzio Bestack, DUH (Deutsche Umwelthilfe e.V.), l-ECSLA (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ħżin fil-Kiesah u l-Loġistika), l-EFFPA (Assoċjazzjoni Ewropea ta' Eks Proċessuri tal-Ikel), il-EuroCommerce (Organizzazzjoni Ewropea li tirrappreżenta s-Settur tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa), l-EuroCoop (il-Komunità Ewropea ta' Kooperattivi tal-Konsumatur), EUPPA (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Proċessuri tal-Patata), Europatat (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ tal-Patata), FEBA (Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel), FoodCloud, FoodServiceEurope, FOODWIN (Network għall-Innovazzjoni fil-Ħela tal-Ikel), Freshfel Europe, EUCOFEL (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ tal-Frott u l-Ħxejjex), Azti Foundation (Fundación AZTI - AZTI Fundazioa), HOTREC (Lukandi, Ristoranti u Kafetteriji fl-Ewropa), HUA (Università ta' Harokopio), HFBA (Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Banek tal-Ikel), Independent Retail Europe, IFWC (Koalizzjoni Internazzjonali dwar il-Ħela tal-Ikel), Last Minute Market, Les Restos du Coeur, MATVETT-NORSUS-NOFIMA CONSORTIUM, Rabobank, Regal Normandie, SWF (il-Moviment Stop Wasting Food), Too Good To Go, Venturis Horeca, WUR (Wageningen University & Research), WRAP (Programm ta' Azzjoni dwar l-Iskart u r-Riżorsi), World Union of Wholesale Markets (WUWM), Zero Waste Scotland.

Organizzazzjonijiet pubbliċi oħra (5): l-OECD (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi), l-FAO (Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti), l-UNEP (Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent).

Osservaturi (1): LE

Laqgħa Konġunta tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel (FLW) u l-Panel taċ-Ċittadini Ewropej

1. Merħba u introduzzjoni fis-sessjoni ta' feedback mill-President: Klaus Berend, Direttur Sikurezza alimentari, sostenibbiltà, u innovazzjoni

Il-President fetaħ is-sessjoni billi laqa' lill-parteciċipanti għal-laqgħa konġunta tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej u tal-Membri tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel (FLW). Il-President irringrazzja lill-membri tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej talli pprovdew rakkomandazzjonijiet biex jgħinu jżidu l-azzjoni kontra l-ħela tal-ikel fl-UE. Il-President irrefera għall-adozzjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030 u għall-pubblikazzjoni ta' rapport taċ-ċittadini flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta. Fir-rapport, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet il-perspettiva tagħha dwar ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini u indikat kif dawn ikunu jappoġġaw il-ħidma ġenerali tagħha dwar il-ħela tal-ikel u jservu bħala gwida biex jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-miri tal-ġejjieni.

2. Introduzzjoni mill-moderatur

Il-moderatur laqa' lill-parteciċipanti li nġhaqdu online u fi Brussell u ppreżenta l-aġenda tal-laqgħa.

3. Kummenti tal-ftuħ (filmat) minn Sandra Gallina, Direttur Ġenerali, DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari

Fil-kummenti tal-ftuħ tagħha, id-**Direttur Ġenerali** Gallina elaborat fuq il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea u enfasizzat ir-rilevanza tar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel fl-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini huma riflessi fil-miri vinkolanti mressqa fil-proposta leġiżlattiva, li, meta tiġi adottata, se tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu approċċ integrat, li jinvolvi lill-atturi ewlenin kollha fit-teħid ta' azzjoni biex jipprevjenu l-ħela tal-ikel, u li jappoġġaw it-tibdil fl-imgħiba tal-konsumatur. Hija nnotat it-talba taċ-ċittadini għall-istabiliment ta' katina tal-provvista alimentari ġusta u ekwa u l-appoġġ għad-donazzjoni tal-ikel madwar l-UE kif ukoll l-importanza tal-monitoraġġ tal-ħela tal-ikel u l-inkoraġġiment ta' impenji mill-operaturi tan-negozju tal-ikel biex inaqqsu l-ħela tal-ikel permezz, fost l-oħrajn, tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar Prattiki Responsabbli tan-Negozju u l-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ikel.

4. Kummenti mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Richard Kühnel, Direttur tar-Rappreżentanza u l-Komunikazzjoni fl-Istati Membri, enfasizza l-valur ta' din il-laqgħa konġunta bħala opportunità għall-Kummissjoni Ewropea u għall-membri tal-pjattaformi biex jagħtu feedback liċ-ċittadini dwar ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. R. Kühnel iddikjara li t-tħejjija taċ-ċiklu li jmiss tal-panels taċ-ċittadini għadha għaddejja u informa li l-pjattaforma ta' involviment taċ-ċittadini dalwaqt se tkun disponibbli online.

5. Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-ħela tal-ikel u l-iskambju mal-membri tal-panel (blokka tematika I: Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt) ([PDF](#))

Ir-rappreżentanti tal-Panel ta' Ċittadini Ewropej li kienu ħadmu fuq il-Blokka Tematika 1 ippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet 1-7 segwiti minn skambju ta' fehmiet mal-membri tal-panel li jinkludu rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea (DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari - SANTE u DĠ Agrikoltura – AGRI), il-Ministeru Franċiż tal-Agrikoltura u s-Sovranità tal-Ikel, is-COPA COGECA u l-FEBA.

Id-DĠ SANTE rringrazzja li-ċittadini għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom, filwaqt li talab l-involvement attiv tal-atturi kollha fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u fit-tisħiħ tal-kollaborazzjoni fil-katina tal-provvista tal-ikel. Approċċ integrat bħal dan huwa rifless fl-obbligi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart u mtenni fil-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Id-DĠ SANTE pprova kummenti dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' ċittadini, b'enfasi fuq ir-rakkomandazzjonijiet 3, 4, 5 u 6.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-iskart) diġà tirrikjedi li l-Istati Membri jħeġġu d-donazzjoni tal-ikel u l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi appoġġ u tixpruna din il-prattika madwar l-UE, u b'hekk tgħin biex l-ikel żejjed ikun disponibbli għal dawk fil-bżonn. Il-Kummissjoni Ewropea tat ukoll għotjiet (għal azzjoni) finanzjarji lill-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel (FEBA), fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku, biex tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet tal-banek tal-ikel. Fir-rigward tal-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tad-*data* u tal-aħjar Prattiki, il-Kummissjoni Ewropea spjegat li l-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW u network ta' riżorsi diġitali, il-[Hub tal-UE għall-Prevenzjoni tat-Telf u l-ħela tal-ikel](#), ġew stabbiliti biex jindirizzaw din il-ħtieġa. Barra minn hekk, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea żviluppa qafas ta' evalwazzjoni biex jgħin lill-atturi kollha jivvalutaw l-effettività tal-inizjattivi għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, inkluż kalkulator biex jiġu kkwantifikati l-impatti relatati. In-networks tal-bliet bħall-EUROCITIES, il-Patt tal-Politika Urbana tal-Ikel ta' Milan, u l-ICLEI (Gvernijiet lokali għas-sostenibbiltà) joperaw varjetà ta' programmi bejn il-pari mmirati lejn il-bliet. Fir-rigward tad-*data* dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart tirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw il-livelli tal-iskart tal-ikel f'kull stadju tal-provvista tal-ikel skont metodoloġija komuni ta' kejl u jirrapportaw is-sejbiet lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-UE, EUROSTAT. Fl-aħħar nett, l-involvement ta' ċittadini huwa suġġett li fil-futur jista' jiġi inkluż fl-aġenda tal-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW sabiex il-membri jkunu jistgħu jaqsmu u jitgħallmu mill-esperjenza ta' xulxin.

Id-DĠ AGRI rringrazzja wkoll li-ċittadini għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom u kkummenta li r-rakkomandazzjonijiet ta' ċittadini 1, 2 u 7 jindirizzaw is-sostenibbiltà tal-ikel b'mod aktar ġenerali u li r-rabta bejn il-ktajjen tal-provvista lokali, staġunali u qosra mat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel għadha ma ntweriex *per se*. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' ċittadini jirriflettu l-ħsieb ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sostenibbiltà tal-ikel, filwaqt li jiżguraw li jitqiesu d-dimensjonijiet rilevanti kollha. Id-DĠ AGRI fakkar fl-importanza tar-regoli tas-suq intern u ħeġġeġ programmi reġjonali, miżuri territorjalizzati, u sistemi tal-ikel. Id-DĠ AGRI semma li xi Stati Membri inkludew appoġġ għas-swieq lokali u l-ktajjen tal-provvista qosra fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tagħhom fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u indika li ma hemm l-ebda indikatur operazzjonali fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK li se jippermetti l-monitoraġġ tal-isforzi lejn it-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel. Id-DĠ AGRI enfasisza li kull attur fil-katina tal-provvista tal-ikel għandu jaqdi rwol, li jindika li l-miri proposti għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel bħalissa ma jinkludux il-produzzjoni primarja. B'referenza għar-rakkomandazzjonijiet 5 u 6, id-DĠ AGRI enfasisza l-importanza tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar l-ikel u l-agrikoltura, filwaqt li ddikjara li l-Kummissjoni Ewropea se tniedi djalogu strateġiku biex tiddiskuti l-futur tal-agrikoltura fl-UE. B'referenza għar-rakkomandazzjoni dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti (UTP), id-DĠ AGRI informa li l-UTPs huma mmonitorjati mill-qrib mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri u li l-għoti tad-

derogi mir-regoli tal-kompetizzjoni favur il-bdiewa, l-elaborazzjoni tal-ftehimiet ta' sostenibbiltà u miżuri oħra meħuda biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jappoġġaw lill-bdiewa fis-setgħa ta' negozjar tagħhom ma' atturi oħra fil-katina tal-provvista tal-ikel. Fil-qosor, ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini huma konformi kemm mal-pjanijiet kurrenti kif ukoll mal-pjanijiet futuri tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Ministeru Franċiż tal-Agricoltura u s-Sovranità tal-Ikel irringrazzja liċ-ċittadini għall-ħidma u għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom li jappoġġaw l-orjentazzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari d-dimensjoni territorjali. Permezz tal-ħolqien ta' "proġetti tal-ikel territorjali" fi Franza, qed jingħata appoġġ għall-istabbiliment tal-bdiewa, tal-ktajjen tal-provvista qosra u tal-provvista ta' ikel sostenibbli u ta' kwalità għolja fil-canteens. Bħalissa hemm 430 proġett bħal dawn, elaborati permezz ta' azzjoni kollettiva u l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel hi waħda mid-dimensjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati. Barra minn hekk, hemm networks, li huma ffokati bis-sħiħ fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel fi Franza (REGAL). Fir-rigward tal-inċentivi finanzjarji għad-donazzjoni tal-ikel, ir-regoli fiskali fi Franza jippermettu krediti tat-taxxa korporattiva sa 60 % tal-valur kontabilistiku nett tal-ikel mogħti b'donazzjoni. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li ċerti partijiet ikkonċernati jstabbilixxu ftehimiet ta' sħubija mal-banek tal-ikel għad-donazzjoni ta' ikel żejjed kif ukoll pjan ta' ġestjoni biex tiġi żgurata l-kwalità tal-ikel mogħti b'donazzjoni. Il-Ministeru Franċiż enfażizza l-importanza li titqajjem kuxjenza dwar il-konsum ta' prodotti staġunali bnini, filwaqt li ddikjara li l-edukazzjoni dwar l-ikel u t-togħma hija inkluża fil-kurrikulu skolastiku u l-wiri ta' informazzjoni dwar l-istaġjonalità tal-frott u tal-ħxejjex jista' ikun meħtieġ fil-futur fi ħwienet ta' erja tal-wiċċ akbar minn 400 m².

Il-COPA COGECA rringrazzjat liċ-ċittadini għar-rakkomandazzjonijiet komprensivi u nnotat li huma kienu rrikonoxxew li l-bdiewa ma għandhom l-ebda interess li jaħlu l-ikel prodott u li hemm żbilanċ fis-saħħa tas-suq. Il-COPA Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 1, il-COPA COGECA laqgħet is-suġġerimenti li saru biex il-produtturi jingħataw is-setgħa u jitnaqqas l-iżbilanċ tas-saħħa fil-katina tal-valur tal-ikel permezz ta' monitoraġġ u infurzar aħjar tad-Direttiva dwar il-PKŻ. Il-COPA COGECA esprimiet tħassib fir-rigward tar-rakkomandazzjoni li jintuża l-eqreb produttur possibbli, peress li dan jista' jkun f'kunflitt mar-regoli tal-kompetizzjoni u jista' ma jgħibx ir-riżultati mixtieqa. Il-COPA COGECA laqgħet l-isforzi biex jiġi promoss il-bejgħ dirett ta' frott u ħxejjex "koroh" u enfazizzat l-importanza tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, li huma l-"lingwa komuni" tas-suq, biex b'hekk tiġi żgurata kwalità għolja u jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq, u ċċarat li dawn ma japplikawx għall-bejgħ dirett. Il-COPA COGECA offriet eżempji ta' inizjattivi li fihom huma involuti l-bdiewa u l-kooperattivi agrikoli bħal programm pilota Ungeriż, li jgħaqqad l-Assoċjazzjoni Ungeriża tal-Banek tal-Ikel u s-suq tal-operaturi ta' Budapest sabiex jinstabu ħwienet għall-frott u l-ħxejjex "koroh". Jeżisti proġett simili fin-Netherlands, bi trasformazzjoni tal-frott u l-ħxejjex "koroh" f'ikel ipproċessat. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2, il-COPA COGECA appoġġat il-promozzjoni tal-prodotti lokali peress li dan iqarreb lill-bdiewa mal-konsumaturi u jista' jgħin biex jinbena apprezzament għall-valur tal-ikel (bi proġetti bħal dawn li jeżistu fl-Italja, fl-Awstrija, fil-Finlandja eċċ.). Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 7, il-COPA COGECA enfazizzat il-ħtieġa li jiġi ddefinit x'inhu ikel staġunali u lokali.

Il-FEBA rringrazzjat liċ-ċittadini għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom u ffukat fuq id-donazzjoni tal-ikel b'mod partikolari f'kuntest li fih id-donazzjoni ta' ikel żejjed qed tonqos filwaqt li hemm domanda dejjem akbar għall-ikel mill-organizzazzjonijiet tal-karità, minħabba għadd dejjem akbar ta' persuni fil-bżonn, u l-kostijiet operazzjonali tal-banek tal-ikel qed jiżdiedu (minħabba l-inflazzjoni u ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija marbuta mal-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna). Il-banek tal-ikel qed jindirizzaw ħafna mill-oqsma enfazizzati mir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari

l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju, għodod diġitali u l-ġbir u l-kondiviżjoni tad-*data*. Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini ġew kondiviżi u diskussi man-network, ġew organizzati skambji bejn il-pari biex jiġi kondiviż l-għarfien dwar il-politiki nazzjonali, u ġew organizzati wkoll żjarat biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-għarfien mal-banek tal-ikel barra mill-UE (eż. il-Moldova). Il-FEBA organizzat ukoll laqgħa mal-membri tagħha dwar l-użu ta' għodod diġitali, li saret f'Dublin. Il-FEBA assigurat ukoll liċ-ċittadini li l-ħidma biex tiġi ffaċilitata d-donazzjoni tal-ikel kienet għadha għaddejjja u se tiġi segwita, u għamlet referenza għal diskussjonijiet f'dan ir-rigward li saru fil-Konvenzjoni Annwali tagħha kif ukoll il-valutazzjoni li għaddejjja mill-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW rigward l-isfidi u l-opportunitajiet relatati mad-donazzjoni tal-ikel.

Wara din l-ewwel tweġiba mill-membri tal-panel għar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, il-moderatur stieden lill-parteċipanti tal-laqgħa biex jagħmlu mistoqsijiet (online u offline). Ċittadin staqsa jekk pajjiżi oħra minbarra Franza għandhom sistema ta' inċentivi fiskali għad-donazzjonijiet tal-ikel. Id-**DĠ SANTE** wieġeb li pajjiżi bħall-Portugall, l-Italja u Spanja japplikaw miżuri bħal dawn u li l-linji gwida dwar id-donazzjoni tal-ikel, adottati mill-Kummissjoni Ewropea fl-2017, jinkludu taqsima dwar l-inċentivi fiskali applikati dak iż-żmien fl-UE. Il-**FEBA** kkonfermat li l-pajjiżi msemmija hawn fuq japplikaw inċentivi fiskali favur id-donazzjonijiet tal-ikel u żiedet li l-aġġustamenti tal-VAT biex jitqies il-valur ekonomiku mnaqqas tal-ikel li jingħata b'donazzjoni huma importanti wkoll, hija miżura fiskali oħra li tista' tintuża mill-Istati Membri. Minbarra l-inċentivi fiskali, xi pajjiżi, bħall-Italja, issimplifikaw il-proċeduri amministrattivi għad-donazzjoni tal-ikel mill-operaturi tan-negozju tal-ikel (meta mqabbla ma' dawk meħtieġa għall-qerda tiegħu jew għal użi oħra ta' ikel żejjed). Il-**Ministeru Franċiż** komplja jgħid li, b'mod parallel mal-inċentivi fiskali, hemm appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-karità li jippermettilhom jaċċessaw direttament prodotti bnini u ta' kwalità (l-inizjattiva "Ikel aħjar għal kulħadd", li għaliha fl-2024 se jiġu allokati EUR 100 miljun).

Il-Koalizzjoni Internazzjonali dwar il-Ħela tal-Ikel indikat – lill-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW iżda wkoll b'mod partikolari lid-DĠ AGRI – li huwa importanti li l-impatt tal-kwalità tal-ikel u l-lokalità kif ukoll il-ktajjen tal-provvista qosra jintrabtu mal-effett li dawn jista' jkollhom fuq il-ħela tal-ikel fil-katina kollha tal-valur tal-ikel minħabba n-nuqqas ta' għarfien f'dan il-qasam. Id-**DĠ AGRI** wieġeb li l-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed twettaq riċerka f'dan il-qasam u hemm bżonn ta' skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha dwar kif is-sistemi tal-ikel lokali jistgħu jgħinu fl-indirizzar tat-telf u tal-ħela tal-ikel, u b'hekk jiġu indirizzati wkoll l-isfidi għas-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli li jirregolaw is-suq intern (jiġifieri l-ħtiġijiet "lokali" jridu jiġu definiti bir-reqqa u ma jiġux assimilati ma' dawk "nazzjonali"). Id-DĠ AGRI saħaq ukoll l-importanza li wieħed jifhem il-fatturi ewlenin tal-imġiba tal-konsumatur fir-rigward tal-ħela tal-ikel u r-rwol ta' fatturi oħra bħall-ħin allokati għall-ippjanar u t-tħejjija tal-iklet, l-apprezzament, l-għarfien dwar l-ikel, eċċ.

Ċittadin staqsa jekk hemmx possibbiltà li tiġi żviluppata r-rabta bejn il-liġi tal-kompetizzjoni u tingħata prijorità lill-produtturi lokali. Id-**DĠ AGRI** wieġeb li s-suq uniku tal-UE jiżgura l-moviment liberu tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital, u jgħib ħafna benefiċċji għaċ-ċittadini. Il-kompetizzjoni trid tkun ġusta, u għalhekk miftuħa u trasparenti. Ma huwiex possibbli, pereżempju, li jinħolqu obbligi li jiffavorixxu l-produzzjoni nazzjonali fuq dik ta' Stati Membri oħra jew ta' sħab kummerċjali. F'dan ir-rigward, id-DĠ AGRI enfasizza l-importanza tar-rakkomandazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-infurzar tad-Direttiva dwar il-PKŻ u spjega wkoll li l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-inizjattivi kollettivi li jippromwovu s-sostenibbiltà fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel għet ċċarata. Il-ktajjen tal-provvista lokali u qosra jistgħu jiġu ffavoriti permezz tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u l-isfida hija li dawn jiġu żviluppati, jiġu evitati approċċi nazzjonalisti u li wieħed jara li dawn jaqdu r-regġuni bl-aħjar mod possibbli.

Il-moderatur stieden liċ-ċittadini li jagħmlu parti mill-panel biex jagħmlu dikjarazzjonijiet qosra u tal-għeluq. Iċ-ċittadini ddikjaraw li laqgħu l-progress li sar fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet proposti, pereżempju, il-prijoritizzazzjoni tal-ġbir tad-*data*, l-inċentivi fiskali għad-donazzjoni tal-ikel, l-inkoraġġiment tal-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin madwar l-UE, u s-sensibilizzazzjoni akbar kemm dwar il-pjattaforma tal-UE dwar l-FLW kif ukoll dwar ir-rwol taċ-ċittadini biex imexxu l-bidla. Ir-rwol tal-media soċjali fil-promozzjoni tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel ġie enfasizzat ukoll.

Iċ-ċittadini staqsew jekk l-introduzzjoni ta' taxa fuq l-ikel mormi fil-bejgħ bl-innut tkunx għażla li tista' tiġi kkunsidrata. Id-DĠ SANTE wiegħeb li xi muniċipalitajiet introduċew inċentivi fiskali, pereżempju, skemi biex jitnaqqsu l-kostijiet tat-trattament tal-iskart għall-kumpaniji li jagħtu l-ikel b'donazzjoni. Iċ-ċittadini staqsew jekk – minħabba l-impatt pożittiv possibbli tal-ktajjen tal-provvista qosra fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel – il-Kummissjoni Ewropea tippredix bidliet possibbli fil-liġi tal-kompetizzjoni biex tagħmilha obbligatorja għal xi bejjiegħa bl-innut li jixtru prodotti tal-lokal. Id-DĠ AGRI wiegħeb li filwaqt li għaddejja ħidma dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni relatati b'mod aktar wiesa' mas-sostenibbiltà tal-ikel, hemm bżonn ta' evidenza aktar ċara li azzjonijiet bħal dawn ikollhom impatt pożittiv fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Id-DĠ AGRI ddikjara li l-Kummissjoni Ewropea se tanalizza ulterjorment kif tista' tappoġġa s-sistemi tal-ikel territorjali fil-kuntest tad-dibattitu usa' dwar it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. Fl-aħħar nett, sabiex nimxu 'l quddiem malajr, iċ-ċittadini enfasizzaw il-ħtieġa ta' azzjoni bbażata fuq l-evidenza, b'enfasi fuq dak li huma disponibbli faċilment u fejn jistgħu jsiru l-akbar gwadanji kif ukoll bl-adozzjoni ta' approċċ sistemiku fil-katina tal-valur tal-ikel.

6. Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-ħela tal-ikel u l-iskambju mal-membri tal-panel (blokka tematika II: Inizjattivi tan-negozju tal-ikel) ([PDF](#))

Ir-rappreżentanti tal-panel taċ-Ċittadini Ewropej li kienu ħadmu fuq il-Blokka Tematika II (Inizjattivi tan-negozju tal-ikel) ippreżentaw ir-[rakkomandazzjonijiet 8-15](#) segwiti minn skambju ta' fehmiet ma' membri tal-panel li jinkludu rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea (DĠ SANTE), mill-Ministeru tal-Agricoltura u l-Forestrija Finlandiż, EUROCOMMERCE u mill-Koalizzjoni Internazzjonali dwar il-ħela tal-ikel.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 13, id-DĠ SANTE ddikjara li ħassu mħeġġeġ meta ra l-appoġġ qawwi taċ-ċittadini għall-istabbiliment, fil-livell tal-UE, ta' miri kwantitattivi għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri, b'dawn tal-aħħar ikunu liberi li jiddefinixxu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu dawn il-miri. Dan l-approċċ tressaq fil-proposta leġislattiva adottata mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' Lulju, li bħalissa qed tiġi nnegozjata bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Id-DĠ SANTE nnota li l-proposta tmur lil hinn mill-istabbiliment ta' linji gwida billi tistabbilixxi miri legalment vinkolanti, li jirrikjedu lill-Istati Membri jnaqqsu l-ħela tal-ikel fl-ipproċessar/fil-manifattura b'10 % u bi 30 % *per capita* b'mod konġunt fil-livell tal-konsumatur u fil-konsum. Dan it-tnaqqis għandu jinkiseb sal-2030 meta mqabbel mas-sena bażi tal-2020. Id-DĠ SANTE spjega wkoll li l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart diġà tistabbilixxi ġerarkija għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari l-prijoritizzazzjoni tal-użu ta' ikel żejjed għall-konsum mill-bniedem.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 8, id-DĠ SANTE enfasizza li hemm ħafna networks u għodod diġitali disponibbli llum biex jiffaċilitaw ir-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed bejn l-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-banek tal-ikel/organizzazzjonijiet tal-karità u direttament lill-konsumaturi. L-organizzazzjoni ta' skambju bħal dan fil-livell tal-UE ma hijiex fattibbli, b'mod partikolari, għal ikel li jkun qed iqarreb it-tmiem tal-ħajja fuq l-ixkaffa tiegħu.

B'referenza għar-rakkomandazzjonijiet 11, 12, 14, id-DĠ SANTE kien thegħeġ meta ra liċ-ċittadini jaffer maw mill-ġdid il-ħtieġa ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza biex jiggwida l-prevenzjoni effettiva tal-ħela tal-ikel mill-atturi kollha, li jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ u l-iżgurar tat-trasparenza tad-*data* u tar-riżultati miksuba. Bir-rapportar annwali tal-livelli tal-ħela tal-ikel mill-Istati Membri, l-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex iżżomm rendikont tal-progress tagħha lejn il-miri globali u tal-UE. Filwaqt li l-obbligu li jiġu rrapportati l-livelli tal-ħela tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, skont metodoloġija komuni, huwa responsabbiltà tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jadattaw metodoloġiji bħal dawn għas-sitwazzjoni u għall-ispeċifitàjiet nazzjonali tagħhom. Fir-rigward tal-involvement tal-operaturi tan-negozju tal-ikel fil-ġbir tad-*data*, xi Stati Membri jirrikjedu li l-kumpaniji jimmonitorjaw il-ħela tal-ikel u oħrajn jappoġġaw lill-kumpaniji fit-twettiq ta' dijanjożi tal-ħela tal-ikel u jistabbilixxu mekkaniżmi ta' prevenzjoni. Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea qed thegħeġ ukoll impenji mill-operaturi tan-negozju tal-ikel biex inaqqsu l-ħela tal-ikel permezz tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Prattiki Responsabbli tan-Negozju u l-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ikel.

Id-DĠ SANTE enfażizza li permezz tal-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li trawwem il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki bbażati fuq l-evidenza. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea żviluppa qafas ta' evalwazzjoni biex jgħin lill-atturi kollha jivvalutaw l-effettività tal-interventi tagħhom u jwettqu valutazzjoni perjodika tal-inizjattivi għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel implimentati fl-UE. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tirreżamina u tevalwa wkoll fuq bażi regolari l-programmi nazzjonali tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Id-DĠ SANTE tenna li l-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa tal-UE jipprovdu *data* u apprendiment biex jgħinu sabiex jinfluwenzaw il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel bħat-titjib tal-fehim dwar kif in-normi soċjali jinfluwenzaw l-imġiba u l-ġenerazzjoni tal-ħela tal-ikel (il-proġett [CHORIZO](#)) u l-proġett li għaddej [SISTERS](#), li qed jinvestiga l-innovazzjoni fl-imballaġġ marbuta mal-ħela tal-ikel u l-implimentazzjoni ta' kontenituri "intelliġenti" għall-użu fil-loġistika tal-katina tal-provvista.

Il-Ministeru tal-Agricoltura u l-Forestrija Finlandiż irrikonoxxa l-ħidma ferm kostruttiva u utli mwettqa mill-panel taċ-ċittadini u rrefera, b'mod aktar speċifiku, għar-rakkomandazzjonijiet 10, 13 u 15. Il-Finlandja ilha tkejjel il-ħela tal-ikel mill-2008 u l-lukandi u r-ristoranti huma meħtieġa li ma jarmux l-ikel jekk dan ikun għadu jista' jintuża għall-konsum. Logo (rakkomandazzjoni 10) huwa tip ta' simbolu ta' kwalità u jista' jkun utli fl-identifikazzjoni tal-kumpaniji li jiġġestixxi tajjeb l-ikel, u jqajjem ukoll kuxjenza fost il-konsumaturi permezz tal-imballaġġ tal-ikel. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 13, il-Ministeru Finlandiż iddikjara li għandu jkun hemm ħarsa ġenerali tajba lejn il-ġerarkija tal-fluss tal-iskart sabiex issir enfasi fuq il-prijoritajiet. Fil-Finlandja hemm politiki u proċeduri fil-livell nazzjonali biex jgħinu lil dawk li jeħtieġu aċċess għall-ikel u jappoġġaw lill-kumpaniji li jixtiequ jagħtu b'donazzjoni l-ikel, u biex jiġbru flimkien kemm lid-donaturi kif ukoll lill-benefiċjarji tal-ġajjnuna alimentari. B'referenza għar-rakkomandazzjoni 15, il-Ministeru Finlandiż enfażizza l-importanza tal-imballaġġ fil-protezzjoni tal-ikel u fl-iżgurar tas-sikurezza alimentari filwaqt li nnota wkoll il-ħtieġa li jittejjeb l-imballaġġ tal-ikel biex titnaqqas il-ħela tal-ikel, hekk kif qal li 0,5 sa 2 % tal-effetti ambjentali tal-ikel huma marbuta mal-imballaġġ.

Il-EuroCommerce ringrazzjat għall-istedina, filwaqt li rrikonoxxiet in-natura ta' ispirazzjoni tal-eżerċizzju, u pprovdiet feedback dwar ir-rakkomandazzjonijiet 9, 12 u 15. Il-EuroCommerce fakkret fil-pożizzjoni privileġġata tas-settur tal-bejgħ bl-imnut u tal-bejgħ bl-ingrossa, li jinsab bejn il-provvista u d-domanda, u għalhekk kien partikolarment involut fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. B'referenza għar-rakkomandazzjoni 9, il-EuroCommerce saħqet li l-ħela tal-ikel ma tagħmilx sens ekonomiku għal negozju peress li tiġġenera l-kostijiet u għalhekk is-settur investa b'mod sinifikanti fit-tbassir tal-

provvista, inkluż l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (minbarra d-*data* dwar il-bejgħ) sabiex jifhem u jipprevedi aħjar x'se jinxtara u meta. In-negozji jridu flessibilità (aktar milli oqfsa legali) sabiex jirrispondu bl-aħjar mod għall-bidliet fil-provvista u d-domanda, li huma essenzjali għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. F'dan ir-rigward, il-EuroCommerce enfasizzat l-importanza tad-djalogu dwar il-katina tal-provvista. Fir-rigward tal-inċentivi fiskali, il-EuroCommerce esprimiet appoġġ għal rata żero tal-VAT għad-donazzjonijiet tal-ikel, li qabel kienet meqjusa bħala ostaklu. Fir-rigward ta' sistema obligatorja ta' rapportar, il-EuroCommerce infurmat li ħafna mill-membri tagħha diġà qed jirrapportaw dwar il-ħela tal-ikel fuq bażi volontarja bħala mezz ta' informazzjoni kemm lill-klijenti kif ukoll lill-investituri u biex tiġi żgurata t-trasparenza. Diġà hemm ħafna rekwiżiti obligatorji għall-operaturi tan-negozju tal-ikel inkluż dwar ir-rapportar mhux finanzjarju. Il-EuroCommerce nnotat ukoll – fid-dawl tal-impenji klimatiċi – iż-żieda fl-enfasi fuq il-ħela tal-ikel minħabba l-impatt tagħha fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-EuroCommerce enfasizzat ir-Regolament li ġej dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u indikat ir-rwol importanti li l-imballaġġ għandu fl-iżgurar tas-sikurezza alimentari u fil-protezzjoni tal-ikel, u b'hekk jippreveni l-ħela tal-ikel. Il-EuroCommerce saħqet li d-daqsijiet tal-imballaġġ iridu jkunu konvenjenti wkoll għal tipi differenti ta' konsumaturi (eż. unitajiet domestiċi individwali meta mqabbla ma' familji kbar). Fir-rigward tal-innovazzjoni fl-imballaġġ, il-EuroCommerce fakkret fl-importanza ta' qafas leġiżlattiv xieraq sabiex in-negozji jkunu jistgħu jagħmlu l-investimenti u l-prodotti meħtieġa jkunu jistgħu jidħlu fis-suq.

Il-Koalizzjoni Internazzjonali dwar il-Ħela tal-Ikel (IFWC) irringrazzjat liċ-ċittadini għall-impenn u għall-ħidma tagħhom u, b'referenza għar-rakkomandazzjonijiet għas-settur privat, enfasizzat li r-rapportar dwar il-kwantitajiet tal-ħela tal-ikel mill-atturi kollha tul il-katina tal-provvista huwa kruċjali, u li s-settur privat qed jaħdem b'mod attiv fuq l-istandardizzazzjoni tal-metodoloġiji tal-kejl, inkluż fuq bażi settorjali (eż. għall-catering tal-massa). Fir-rigward tal-proposta taċ-ċittadini biex jinħoloq logo, dan jista' jintuża wkoll biex jiġu ppremjati l-kumpaniji li jkejlu u jirrapportaw dwar il-ħela tal-ikel u biex jiġi ddefinit pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. L-IFWC infurmat dwar il-ħidma li għaddejja biex jiġi żviluppat standard ISO dwar kif għandu jiġi ġestit it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u enfasizzat l-importanza li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' standards bħal dawn - pereżempju permezz ta' taħriġ u miżuri oħra - fuq bażi settorjali. L-IFWC spjegat li l-inizjattivi għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel jirrikjedu azzjoni minn diversi atturi: pereżempju, filwaqt li d-doggy bags jistgħu jintużaw fir-ristoranti, dawn ma jistgħux jintużaw jekk jitqiesu li ma humiex soċjalment aċċettabbli mill-konsumaturi. Sabiex jiġi indirizzat dan l-ostaklu, il-miżura mbaġħad ikollha tiġi appoġġata b'sensibilizzazzjoni, b'nudging u modi simili. L-IFWC enfasizzat l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati biex jiġi implimentat qafas għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, b'appoġġ iprovdut lill-atturi involuti, pereżempju, permezz ta' ftehimiet volontarji, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, proġetti u networks ta' riċerka ffinanzjati mill-UE bħall-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW.

Wara din l-ewwel tweġiba mill-membri tal-panel għar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, il-moderatur stieden lill-parteċipanti tal-laqgħa biex jagħmlu mistoqsijiet (online u offline) li jindikaw ukoll mistoqsijiet u kummenti li saru fiċ-chat, b'mod partikolari b'referenza għall-imballaġġ u għad-drawwiet tal-konsumatur.

Il-Ministeru tal-Agricoltura mill-Portugall iddikjara li ma huwiex fattibbli li tinħoloq pjattaforma għall-inizjattivi tan-negozju tal-ikel fil-livell tal-UE, li tgħaqqad in-negozji mal-banek tal-ikel u l-konsumaturi, minħabba l-loġistika tat-trasport involuta. Il-Ministeru Portugiż qal li xi Stati Membri diġà implimentaw dan it-tip ta' pjattaforma fil-livell nazzjonali għar-ridistribuzzjoni tal-prodotti li huma qrib id-data "uża sa" jew "l-aħjar qabel" tagħhom, u staqsa jekk dawn kinux effiċjenti. Fil-fehma tagħhom,

ma hemmx metodoloġija omoġenja waħda għall-kejl tal-ħela tal-ikel fil-livell tal-UE, li tissuġġerixxi l-ħtieġa ta' metodoloġija unika fil-livell tal-Unjoni. Il-Ministeru Portugiż iddikjara wkoll li filwaqt li jeħtieġ li jitnaqqas l-imballaġġ, dan huwa kruċjali wkoll għall-protezzjoni tal-ikel u għall-iżgurar tas-sikurezza alimentari u tal-informazzjoni lill-konsumaturi.

Fir-rigward tal-konnessjoni tal-operaturi tan-negozju tal-ikel, tal-banek tal-ikel u tal-konsumaturi permezz ta' pjattaformi diġitali, il-**EuroCommerce** wieġbet li ma hijiex favur bażi ta' *data* Ewropea ċentralizzata u li l-konnessjoni tal-kumpaniji mal-banek u mal-konsumaturi tal-ikel hija organizzata aħjar fuq livell lokali jew reġjonali, filwaqt li enfasizzat ukoll ir-restrizzjonijiet marbuta mal-loġistika u mal-organizzazzjoni Prattika ta' ridistribuzzjoni bħal din. Il-EuroCommerce kkonfermat li inizjattivi bħal dawn diġà jeżistu fuq livell lokali li qed jaħdmu tajjeb.

Fir-rigward tat-tnaqqis tal-imballaġġ, il-**Ministeru Finlandiż** sostna li għandu jiġi evitat l-imballaġġ żejjed. Madankollu, ma huwiex possibbli li jiġi evitat l-imballaġġ kompletament peress li dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata s-sikurezza alimentari.

Il-Koalizzjoni Internazzjonali dwar il-Ħela tal-Ikel enfasizzat li huwa importanti li n-negozji jinġabru flimkien dwar suġġetti ta' prijorità fejn huma meħtieġa investiment u riċerka komuni, pereżempju kif titkejjel il-ħela tal-ikel f'settur. L-IFWC iddikjarat li l-ftehimiet volontarji huma importanti u jirrikjedu l-appoġġ tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali.

Id-**DĠ SANTE** indika li l-Istati Membri, li għamli progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, stabbilew ftehimiet volontarji mas-settur privat, jiġifieri sħubijiet pubbliċi-privati b'miri miftiehma għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Il-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW bħalissa qed tivvaluta l-ftehimiet volontarji implimentati sal-lum sabiex tikseb u taqşam l-apprendiment minn dawn l-esperjenzi.

Il-moderatur stieden liċ-ċittadini li jagħmlu parti mill-panel biex jagħmlu dikjarazzjonijiet qosra u tal-għeluq. Liċ-ċittadini enfasizzaw li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiżguraw li l-Istati Membri kollha jagħmlu progress permezz ta' approċċ komuni jew aktar standardizzat kif ukoll l-importanza li jiġu ddefiniti pjanijiet għal żmien qasir, medju u twil u li jiġi kkomunikat is-suċċess miksub. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, filwaqt li jeħtieġ li liċ-ċittadini kollha jkunu involuti, għandhom isiru sforzi akbar biex jintlaħqu ż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz ta' mezzi tal-media soċjali, bl-għan li mhux biss tiġi pprovduta informazzjoni iżda biex dawn jiġu mmotivati u involuti.

7. Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-ħela tal-ikel u l-iskambju mal-membri tal-panel (Blokka Tematika III: Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur) ([PDF](#))

Ir-rappreżentanti tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej li kienu hađmu fuq il-Blokka Tematika III ppreżentaw ir-[rakkomandazzjonijiet 16-23](#) segwiti minn skambju ma' membri tal-panel li jinkludu rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea (DĠ SANTE), min-Netherlands Nutrition Centre, mill-Independent Retail Europe u mill-EUFIC.

Id-**DĠ SANTE** rringrazzja liċ-ċittadini għar-rakkomandazzjonijiet konkreti tagħhom u enfasizza li approċċ speċifiku għall-pajjiż huwa importanti biex ikun hemm impatt fuq l-imġiba tal-konsumaturi, b'interventi u azzjonijiet imwettqa fil-livelli nazzjonali u lokali. Id-**DĠ SANTE** enfasizza li huwa kruċjali li jitqiesu d-drawwiet tal-ikel, l-attitudnijiet fejn jidħol l-ikel u l-ħela tal-ikel tal-konsumaturi, kif ukoll l-għarfien u l-ħiliet tagħhom fil-ġestjoni tal-ikel biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel u l-motivazzjoni tagħhom li jieħdu azzjoni. Approċċ "minn fuq għal isfel" fil-livell tal-UE ma jkunx mezz effettiv biex tiġi indirizzata l-ħela tal-ikel mill-konsumatur; madankollu, l-azzjonijiet fil-livell tal-UE jfittxu li

jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW u jixprunaw u jappoġġaw ukoll l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri. Il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel għandha tipprovdi spinta lill-Istati Membri biex jieħdu azzjonijiet ambizzjużi u jinvestu fi programmi ta' bidla fl-imġiba, kif ukoll isaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-atturi tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel u atturi rilevanti oħra bħall-akkademja, l-NGOs u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-Jum Internazzjonali ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-FLW, li jsir kull sena fid-29 ta' Settembru, jipprovdi opportunità biex wieħed jikkomunika dwar din il-kwistjoni. Fl-2023, il-Kummissjoni Ewropea inkludiet ukoll il-panel taċ-ċittadini fit-tixrid tagħha tal-materjali ta' komunikazzjoni.

Id-DĠ SANTE ddikjara li l-promozzjoni ta' fehim u użu aħjar tal-immarrar tad-data (“uża sa” u “l-aħjar qabel”) sabiex tiġi evitata l-ħela tal-ikel hija waħda mill-għanijiet tal-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW, fejn il-membri jikkondividu l-apprendiment tagħhom, l-esperjenza u l-aħjar prattiki f'dan il-qasam fuq bażi kontinwa permezz tal-Pjattaforma, is-sottogrupp iddedikat tagħha u l-Hub tal-UE għall-Prevenzjoni tat-Telf u l-Ħela tal-Ikel. B'referenza għar-reviżjoni pjanata tar-regoli dwar l-immarrar tad-data (ikkomunikata lill-panel taċ-ċittadini fl-ewwel laqgħa tiegħu f'Diċembru 2022), il-Kummissjoni Ewropea esplorat mal-Istati Membri jekk din l-inizjattiva setgħetx tiġi segwita flimkien mal-proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Filwaqt li l-Istati Membri appoġġaw approċċ armonizzat fil-qasam tal-immarrar tad-data, il-biċċa l-kbira saħqu fuq il-ħtieġa li jkun hemm riflessjoni ulterjuri dwar l-aktar formulazzjoni xierqa u l-ħtieġa ta' aktar riċerka dwar il-konsumatur, b'xi wħud jargumentaw li għandu jsir aktar investiment biex il-konsumaturi jiġu infurmati aħjar dwar il-kunċetti kurrenti tal-immarrar tad-data. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jippreferu wkoll li jindirizzaw din il-kwistjoni, mhux b'mod iżolat, iżda bħala parti minn reviżjoni usa' tar-regoli dwar it-tikkettar tal-ikel li l-ħidma għalihom għadha għaddejja.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 16, id-DĠ SANTE elabora li l-indirizzar tat-telf tal-ikel huwa fuq l-aġenda tal-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW bil-kondiviżjoni kontinwa tal-informazzjoni fil-kuntest tas-Sottogrupp ta' monitoraġġ tat-telf u l-ħela tal-ikel. Id-DĠ SANTE spjega li t-telf tal-ikel fl-azjendi agrikoli ma huwiex indirizzat skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart peress li materjal bħal dan ma jitqiesx bħala skart, u li ma hemm l-ebda *data* affidabbli dwar id-dimensjoni ta' din il-kwistjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tkompli tinvestiga t-telf tal-ikel u tesplora modi kif tipprevenih, filwaqt li tqis il-ħidma mwettqa fl-ambitu ta' proġetti ta' riċerka rilevanti ffinanzjati mill-UE. Pereżempju, il-proġett [FOLOU](#) għandu l-għan li jipprovdi metodoloġija robusta għall-kwantifikazzjoni tat-telf tal-ikel fil-produzzjoni primarja, b'enfasi fuq it-telf li jseħħ mill-punt li l-prodotti jkunu lesti għall-ħsad sakemm jinħasdu.

In-Netherlands Nutrition Centre rringrazzja liċ-ċittadini għax-xogħol ta' ispirazzjoni u rrefera b'mod aktar speċifiku għar-rakkomandazzjonijiet 17 u 20 relatati mal-kampanji tal-konsumatur. In-Netherlands Nutrition Centre enfasizza li s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u l-offerta ta' perspettiva ta' azzjoni huma kruċjali biex jiġu mmotivati ħalli jnaqqsu l-ħela tal-ikel. In-Netherlands kisbu tnaqqis ta' 23 % fil-ħela tal-ikel fl-unitajiet domestiċi mill-2015 u qed ikomplu bl-isforzi tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' kampanja nazzjonali ta' “Ġimġha mingħajr ħela tal-ikel”. Il-kampanja, li tiġi organizzata min-Netherlands Nutrition Centre u l-fondazzjoni Food Waste Free United, saret għall-ħames darba fl-2023 bl-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u ffukat fuq ir-rabta bejn il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u l-azzjoni klimatika. Is-suċċess tal-inizjattiva kien marbut mal-kooperazzjoni attiva bejn il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati u mal-ġbir flimkien tar-riżorsi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni kif ukoll il-produzzjoni tal-għodod ta' kejl edukattiv u prattiku li jistgħu jintużaw id-dar. In-Netherlands Nutrition Centre ħeġġeġ lil Stati Membri oħra biex jorganizzaw kampanji simili, u rakkomanda li l-azzjonijiet jiġu ffokati fuq ġimġha waħda biex is-

suġġett jingħata importanza kbira fl-aġenda. Madankollu, li tittieħed azzjoni fuq perjodu ta' 7t ijiem ma huwiex biżżejjed, u huma meħtieġa sforzi kontinwi tul il-katina kollha tal-valur tal-ikel sabiex ikun eħfef għall-konsumaturi biex jaħlu anqas ikel.

Independent Retail Europe rringrazzjat wkoll liċ-ċittadini għal din il-ħidma u enfasizzat l-importanza tal-edukazzjoni fit-tnaqqis tal-ħela tal-ikel mill-konsumatur u fl-għajjnuna lill-konsumaturi biex jiġġestixxu l-ikel aħjar. L-Istati Membri huma responsabbli mill-edukazzjoni tal-konsumatur. Il-bejjieġha bl-imnut jistgħu jaqdu rwol flimkien ma' atturi ekonomiċi oħra, li jgħin biex jinfluwenza, jassisti u jiffaċilita l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel permezz ta' firxa wiesgħa ta' għodod bħall-pubblikazzjonijiet u l-applikazzjonijiet. Madankollu, il-bejjieġha bl-imnut ma jistgħux jikkontrollaw dak li l-konsumaturi jiddeċiedu li jarmu, u għalhekk ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-ħela tal-ikel fil-livell tal-konsumatur. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 23 dwar il-promozzjoni tal-prodotti li daqt se jiskadu, Independent Retail Europe ddikjarat li din diġà hija Prattika mifruxa peress li l-bejjieġha bl-imnut jitolfu l-flus meta ma jbigħux l-ikel. Il-bejjieġha bl-imnut għandhom ħafna modi differenti kif jinfurmaw lill-klijenti tagħhom (eż. stickers u għodod oħra ta' promozzjoni fil-ħwienet) u jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw l-aktar modi effettivi biex jagħmlu dan. Imbagħad huwa importanti li l-prodotti mibjugħa jiġu kkunsmati mix-xerrejja, inkella l-ħela tal-ikel tiġi ttrasferita mill-bejgħ bl-imnut lill-unitajiet domestiċi. Independent Retail Europe spjegat li l-bejjieġha bl-imnut huma involuti b'mod attiv fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel permezz tal-ġestjoni tal-provvista u d-domanda, il-promozzjonijiet tal-prezzijiet, ir-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed lill-banek tal-ikel u permezz tal-applikazzjonijiet, l-ipproċessar ulterjuri ta' ikel mhux mibjugħ (eż. li wieħed jagħmel sopop jew meraq tal-frott). Filwaqt li l-bejjieġha bl-imnut jintrabtu b'mod attiv biex jinfurmaw lill-konsumatur dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, Independent Retail Europe ma kinitx tal-fehma, madankollu, li l-kampanji ta' prevenzjoni tal-ħela tal-ikel għandhom jiġu organizzati madwar jiem ta' festi kif intqal min-Netherlands Nutrition Centre.

Il-European Food Information Council (EUFIC) irrefera għar-rakkomandazzjoni 16 dwar in-nuqqas ta' ħela ta' ikel mhux maħsud u l-komunikazzjoni ta' opportunitajiet bħal dawn lill-konsumaturi u lill-bdiewa. L-EUFIC ta l-eżempju ta' kampanja ta' komunikazzjoni fil-belt ta' Ghent, li fiha l-Kunsill tal-Ikel, f'kollaborazzjoni ma' NGO lokali, ħoloq mappa diġitali sabiex jinforma lill-pubbliku dwar fejn jista' jmur jaqta' l-frott bla ħlas. L-EUFIC iddikjara li fi Franza, organizzazzjoni msejħa SOLAAL, tlaqqa' flimkien atturi mis-setturi tal-agrikoltura, tal-industrija tal-ikel u tad-distribuzzjoni biex tħeġġeġ id-donazzjonijiet tal-ikel, inkluż l-ikel mhux maħsud u, f'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Agricoltura u s-Sovranità tal-Ikel, ħolqot Jum Nazzjonali għad-Donazzjoni tal-Ikel Agrikolu. Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 18 u 21, l-EUFIC indika li l-edukazzjoni dwar l-ikel fl-iskejjel ġiet implimentata f'xi pajjiżi, pereżempju, fl-Ungerija, fejn l-Awtorità Nazzjonali dwar il-ħela tal-ikel żviluppat programm edukattiv u, mill-2017, laħqet aktar minn 25,000 tifel u tifla u pprovdiet taħriġ u konsulenza lil 1,800 għalliem. F'pajjiżi oħra bħall-Finlandja, l-edukazzjoni dwar il-ħela tal-ikel hija integrata fil-kurrikulu fis-suġġetti li jindirizzaw is-sostenibbiltà ambjentali bħall-istudji ambjentali, il-ġeografija u l-ekonomija domestika, u l-awtorità tal-Ikel Finlandiża żviluppat materjali ta' taġħlim relatati. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, f'kollaborazzjoni mal-Koalizzjoni Internazzjonali dwar il-ħela tal-ikel, żviluppat manwali edukattivi dwar il-ħela tal-ikel immirati lejn itfal tal-iskola primarja u sekondarja, disponibbli f'10 lingwi fuq is-sit web tagħhom. Dawn jgħallmu lit-tfal dwar il-konsegwenzi soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-ħela tal-ikel, il-benefiċċji tat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, x'jista' jsir b'rabta mal-ħela tal-ikel u kif għandhom jgħallmu drawwiet tajbin lill-familji u lill-ħbieb tagħhom. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 19 dwar il-kondiviżjoni tal-ikel, l-EUFIC irrefera għall-isfidi tas-sikurezza alimentari meta dan isir permezz ta' pjattaformi diġitali. L-EUFIC ta eżempju ta' kif dan jista' jingħeleb, billi għamel referenza għal friġġ komunitarja f'Helsinki,

fejn il-konsumaturi jistgħu jagħtu b'donazzjoni u jiġbru ikel żejjed u l-persunal jiżgura li l-proċeduri tas-sikurezza alimentari jiġu segwiti b'mod korrett (pereżempju, jista' jingħata biss b'donazzjoni ikel ippakkjat mhux miftuħ). L-operazzjonijiet jiġu approvati mill-awtorità tal-belt ta' Helsinki kull sena biex jiġi żgurat li r-riskji għas-sikurezza alimentari jiġu mminimizzati u jiġu pprovduti taħriġ u għodod biex jippermettu lil oħrajn jistabbilixxu friġġijiet komunitarji bħal dawn.

Wara din l-ewwel tweġiba mill-membri tal-panel għar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, il-moderatur stieden lill-parteċipanti tal-laqgħa biex jagħmlu mistoqsijiet (online u offline), billi għamel referenza għal xi kummenti li waslu relatati mal-attivitajiet edukattivi.

RÉGAL Normandie ddikjarat li s-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur għandha l-limiti tagħha fir-rigward tal-bidla fl-imġiba u r-riżultati tar-riċerka juru li attivitajiet prattiċi bħall-wiri ta' kif wieħed jista' jsajjar billi juża l-fdalijiet jista' jkollu l-akbar impatt.

Il-Ministeru tal-Agricoltura, il-Forestrija u l-Ikel tas-Slovenja ħeġġeġ il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f'avvenimenti bħad-diskussjonijiet tal-lum mal-panel taċ-ċittadini. L-xxx tas-Slovenja rrefera wkoll għall-iskemi tal-iskejjel għall-frott, għall-ħxejjex u għall-prodotti tal-ħalib, u jissuġġerixxi li l-ikel mogħti b'donazzjoni għandu jiżdied mal-iskema. Il-Ministeru tas-Slovenja indika li l-bejjiegħa bl-imnut jagħtu b'donazzjoni l-ikel żejjed, madankollu, hemm limitazzjonijiet minħabba n-natura volontarja ta' azzjonijiet bħal dawn u ppropona li jsir aktar biex jiġu appoġġati inizjattivi bħal dawn. Il-Ministeru tas-Slovenja ddikjara wkoll li l-bdiewa jeħtieġu għodod u alternattivi oħra biex jappoġġawhom fl-indirizzar tal-eċċessi fil-produzzjoni tal-ikel (eż. ipproċessar ulterjuri biex jiġu evitati t-telf u l-ħela tal-ikel) u li inizjattivi bħal dawn għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali. Fl-aħħar nett, l-xxx tas-Slovenja enfasizza l-importanza tat-taħriġ tal-atturi kollha sabiex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa.

B'rispons għall-kummenti miċ-ċittadini online, **in-Netherlands Nutrition Centre** informa li sabiex jilħqu udjenza wiesgħa, l-organizzaturi tal-Ġimgħa mingħajr Ħela tal-Ikel jippruvaw pereżempju jiksibu riklami bla ħlas fuq programmi ta' diskussjoni televiżivi. **Independent Retail Europe** ddikjarat li l-użu tal-media soċjali huwa ta' importanza kbira biex jintlaħqu udjenzi iżgħar fl-età u indikat li l-ħela tal-ikel ġieli sseħħ sempliċiment minħabba kwistjonijiet organizzattivi fl-unitajiet domestiċi kif ukoll minħabba nuqqas ta' għarfien jew ħiliet dwar kif għandu jiġi ġestit, ipproċessat u maħżun l-ikel, b'mod partikolari meta ma jkunx jista' jintuża fil-ħin.

Il-moderatur stieden liċ-ċittadini li jagħmlu parti mill-panel biex jagħmlu dikjarazzjonijiet qosra u tal-għeluq. Iċ-ċittadini saħqu l-importanza li jintlaħqu gruppi fil-mira differenti b'messaġġi rilevanti permezz ta' mezzi u għodod xierqa kif ukoll li jiġi vvalutat l-impatt ta' komunikazzjonijiet bħal dawn. Il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel għandha tiġi integrata fil-kurrikuli skolastiċi u għandu jiġu sfruttat il-potenzjal sħiħ tad-diġitalizzazzjoni u tal-intelliġenza artifiċjali. L-Istati Membri għandhom jittkellmu aktar ma' xulxin u jużaw il-pjattaformi rilevanti kollha biex jiċċirkolaw l-informazzjoni b'mod wiesa'. Fl-aħħar nett, iċ-ċittadini ħassewhom fiduċjużi li jista' jkun hemm bidla reali peress li hemm tant nies li jridu jgħinu.

8. Għeluq

F'isem id-**Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni**, Gaëtane Ricard-Nihoul, Viċi Kap tal-Unità, l-Unità tad-Djalogi maċ-Ċittadini, irringrazzja liċ-ċittadini u lill-parteċipanti għall-kontributi tagħhom u ħeġġithom iżommu kuntatt permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Hub tal-UE għall-Prevenzjoni tat-Telf u l-Ħela tal-Ikel. B'dan il-mod, iċ-ċittadini jistgħu jżommu ruħhom infurmati dwar il-progress li jikkonċerna l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni

Ewropea li tistabilixxi miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u ħidma oħra li għaddejja fil-livell tal-UE kif ukoll l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali mill-Istati Membri.

Hija spjegat li l-Kummissjoni Ewropea qed tidħol f'fażi għdida ta' involviment taċ-ċittadini u li fil-futur se jiġu organizzati aktar panels Ewropej taċ-ċittadini dwar diversi suġġetti. Hija spjegat li l-Kummissjoni tixtieq toħloq network ta' alumni mill-Panels taċ-Ċittadini li jirċievu informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' involviment taċ-ċittadini u jista' jkollhom ir-rwol ta' ambaxxaturi. Se tintbagħat komunikazzjoni speċifika liċ-ċittadini kollha tal-Panels biex jiġi spjegat kif jistgħu jkunu parti minn dan in-network tal-alumni.

Il-**President** għalaq il-laqgħa billi rringrazzja lill-parteċipanti kollha u ddikjara li d-diskussjonijiet reġgħu wrew kif il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tirrikjedi azzjoni fost il-membri kollha tas-soċjetà, kemm fil-livell lokali, nazzjonali u internazzjonali. L-eżempji kondiviżi wrew kif l-impenni jistgħu jiġu ttrasformati f'azzjoni u l-ħafna networks u opportunitajiet li jeżistu biex issir ħidma fuq bażi konġunta f'kwistjoni ta' importanza fundamentali bħal din għan-nies, għas-soċjetà u għall-pjaneta kollha kemm hi. Anke jekk ma kienx hemm qbil sħiħ dwar il-punti kollha li ġew diskussi, hemm impenn ċar u jista' jkun hemm soluzzjonijiet differenti possibbli biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati. Il-President esprima fiduċja li, fid-dawl tal-impenn u l-appoġġ taċ-ċittadini, il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea se tiegħu spinta u li tista' tiġi adottata malajr u f'forma ambizzjuża mill-Parlament u mill-Kunsill. Fl-aħħar nett, il-President tenna li, għad-DĠ SANTE, id-djalogu maċ-ċittadini kien esperjenza ta' arrikkiment kbir ħafna u rringrazzja liċ-ċittadini għax-xogħol bla heda tagħhom kif ukoll lill-membri tal-Pjattaforma għad-diskussjoni u l-feedback li pprovdew illum.